MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Numru. 854/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE GRECH**

**KONTRA**

**CLAYTON AZZOPARDI ta’ 28 sena, iben Joseph u Mary nee’ Spiteri, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-27.02.1983, residenti fil-fond 103, Rosa Mystica, Triq it-Tempji Neolitici, Tarxien, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 161983M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **CLAYTON AZZOPARDI** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta’ Awwissu, 2006 u matul l-ahhar hames xhur qabel din id-data:

1. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghal-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-Presidenti ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata(amphetamine) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

4. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu.

Rat ukoll l-Ordni ta' l-Avukat Generali, taht il-Kapitlu 31 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 246).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-pulizija li kienu direttament involuti fir-raid li sar fuq il-persuna ta' l-imputat, u fil-fond fejn kien jirrisjedi, irrizulta illi nstabu fuqu u ghandu oggetti relatati mad-droga. Ghalhekk PS 1574 Renaldo Cremona xehed illi meta gewwa Rahal Gdid marru fuq l-imputat, dan kif qalulu li kienu pulizija rrezista l-arrest. Xehed illi kellu borza bi trab kannella li l-imputat xehet ma' l-art. Darba li dahlu go daru, fejn qabel kien anke qallhom li kien bi hsiebu jikkopera mal-pulizija, fil-kamra tas-salott huwa ta daqqa ta' sieq mejda bil-konsegwenza li wahda mill-boroz li kellha fuqha nfaqghet u tar hafna trab minn go fiha li

mela l-kamra kollha. Xehed illi kellu zewg boroz ta’ dan it-tip, aktarx eroina. Sabu wkoll affarijiet ohra relatati mad-droga, bhal pakkett iehor bi trab kannella, pakkett iehor bi tracci ta’ coke, u qratas ohrajn.

WPC 12 Andrea Grech xehdet ukoll dwar dan ir-raid gewwa Rahal Gdid, kif ukoll li l-imputat kif imwaqqaf mill-pulizija rrezista l-arrest. Xehdet illi f’idejh kellu zewg boroz zghar kantunieri bi trab kannella. Gewwa rat borza bi trab kannella. Ma’ l-art vicin is-sufan rat borza ohra bi trab kannella, u borza ohra bi trab abjad. Rat (waqt l-Inkjesta) l-Ispizjar Godwin Sammut jeleva sachet li ma kinitx taf x’fih. Rat ukoll vazun li kellu fih tracci bojod ta’ trab abjad. Xehdet illi mal-kamra kien hemm diversi boroz imqattghin, kif ukoll imqass ahdar. Xehdet illi fuq il-persuna ta’ l-imputat instabu Lm280.00 u mizien digitali iswed.

PC 138 Joseph Portelli wkoll xehed dwar it-tfittxija u dwar il-fatt illi l-imputat, imwaqqaf mill-pulizija, irrezista l-arrest. Innota dan ix-xhud illi f’idu kellu borza tal-plastic bi trab kannella suspettata eroina. Ix-xhud jghid illi anke pprova johodhielu, pero l-imputat irnexxielu jifqaghha. Elevaw l-istess, mizien elettroniku, u Lm280.00 fi flus. Meta dahlu fir-residenza, nonostante li l-imputat qallhom li kien ser jindikalhom fejn kienet id-droga, ixxuttja wahda miz-zewg boroz li kien hemm fuq il-mejda tal-hgieg, tant illi faqa’ l-istess borza mal-hajt.

L-Ispettur Dennis Theuma fil-fatt ezebixxa bhala Dok A mobile Samsung elevat minghand l-imputat, Dok B Lm280.00 (kontanti), Dok C kantunieri ta’ boroz ta’ trab kannella, Dok D imqass, karti boroz.

Rat anke r-relazzjoni ta’ Godwin Sammut Dok G8 (folio 77 – 130), u cioe’:

***a. “Illi minn swab mehuda mill-mizien li hemm fid-dokument 556_06_01 instabu tracci tal-<u>Eroina</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.***

***b. Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 555_06_02, 555_06_03, u 555_06_08 u mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 555_06_09 instabet is-sustanza <u>Kokaina</u>. Il-piz tat-trab kien ta' <u>20.21 grammi</u>, u l-purita' kienet ta' <u>19%</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.***

***c. Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 555_06_06, 555_06_07, u 555_06_10, instabet is-sustanza <u>Eroina</u>. Il-piz tat-trab kien ta' <u>31.16 grammi</u> u l-purita' kienet ta' <u>10%</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.***

***d. Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 555_06_04 instabet is-sustanza <u>Kaffeina</u>.***

Rat ukoll ir-relazzjoni ta' l-istess espert Dok GS 1 folio 152 – 130, fejn gie stabbilit il-valur ta' l-istess droga, u cioe' dak ta' €1,869.30 (Lm802.62).

Rat ukoll it-tielet relazzjoni ta' l-istess espert, Dok GS (folio 154 – 163), fejn gie relatat li f'zewg bicciet tal-plastic li fihom instab ftit trab ta' lewn kannella, instabet is-sustanza Eroina.

Rat ukoll ir-relazzjoni ta' l-espert tekniku Martin Bajada. Senjalament il-messaggi hemm imnizzla (folio 177 – 178).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat anke n-nota prezentata.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti, b'referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Kostituzzjonali taghna fil-konfront ta' l-istqarrija mehuda minghajr il-possibbilta' ta'

parir legali jew tali assistenza, mhux ser taghmel ebda referenza ghall-istess, anke ghax l-istess imputat - kif del resto kien id-dritt tieghu, ghazel illi ma jwegibx ghad-domandi saljenti lilu mposti. Certament mill-provi prodotti jidher ben car li l-imputat kellu d-droga fuqu, pussess, certament mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. Dan huwa ben evidenti mill-fatt illi l-imputat kellu diversi qratas, plastic, imqass, u droga mohbija. Oltre dan, fuq il-persuna tieghu gia' kellu qratas ohra, ammont konsiderevoli ta' flus, u sahansitra mizien. Dawn il-fatti huma kollha konducenti ghall-fatt illi l-imputat kien fil-fatt qieghed anke jbiegh id-droga.

Ghaldaqstant qieghda ssib htija ta' l-akkuzi lilu addebitati, u dan wara li rat GN292/1939, Taqsima IV u VI tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Skeda tal-istess Kapitolu, l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 40a tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tielet Skeda, Tieni Parti ta' l-istess Kapitolu, kif ukoll l-Artikolu 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieghda ghalhekk tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlitt (3) snin, u multa ta' €3,000;
Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €1,034.78

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga kollha (KB 24.2007 u KB 298.2007), u l-konfiska tal-flus (KB 261.2007) u mobile (KA 208.2007), ilkoll ezebiti f'dawn l-atti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------